MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 305/2004

**Dr. Andrew Chetcuti Ganado u Raphael Aloisio bhala likwidaturi ta' Paola Motors Ltd (Gja Daewoo Malta Ltd, gja Universal Commerce Agency Ltd)**

**vs**

**Joseph Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef mitejn u hmisax-il Lira Maltin u disgha u erbghin centezmi (LM4215.49,0) rappresentanti l-ammont dovut minnu in konnessjoni ma' kambjalijiet ffirmati u skaduti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju tas-sena 2003, bl-imghax legali;**

**Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 ta' Ottubru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------